MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 2341/2002

**Attard Travel Services Limited**
**Vs**
**Julia Ann Mifsud**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm55 (hamsa u hamsin lira Maltin) rappresentanti prezz ta’ polza ta’ assikurazzjoni mahruga favur il-konvenuta da parti tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 4 ta’ Lulju 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta presentata mill-konvenuta fejn eccepiet li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-

konvenuta qatt ma nkarigat lis-socjeta attrici sabiex iggedded il-polza in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' li l-ammont ghadu dovut minn Carol Curmi

Peress li l-konvenuta la xehdet u wisq anqas ipproduciet ix-xhieda in difesa.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bi-ispejjes u bi-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------